MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2008

Numru 484/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Carmelo Magri)**

**vs**

**Cedric Grima**

**Illum 13 ta' Gunju, 2008**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Cedric Grima ta' 18 sena bin Carmelo u Maria nee' Fenech, imwieled

Pieta’ fit-12 ta’ Dicembru 1989, u li joqghod Blokk J, Flat 7, Qasam Bini tal-Gvern Hamrun. Detentur tal-karta ta’ l-Identita’ bin-numru 26890(m).

Gie akkuzat talli b’ diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess diposizzjoni tal-ligi u li gew maghmulin b’resoluzzjoni wahda u cioe’:

Fis-26 ta’ Frar 2006 ghall-habta tal-5.40 ta’ filghodu mill-hanut bl-isem ‘Havana Café’ li huwa sitwat fi Triq San Gorg San Giljan, kkommetta serq ta’ flus kontanti u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Vincenzo Baldacchino. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Vincenzo Baldacchino, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

F’ xi hin matul-il lejl ta’ bejn is-26 u s-27 ta’ Marzu 2006 mill-hanut bl-isem ‘Vestis’ li huwa sitwat fi Triq San Gwann Valletta, kkommetta serq ta’ flus kontanti u kwantita’ ta’ hwejjeg ghad-dannu ta’ Ronald Zampa. Liema serq huwa kkwalifika bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Ronald Zampa, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

F’ xi hin matul-il lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Frar 2006 mill-hanut bl-isem ‘D’Amato Record Shop’ li huwa sitwat fi Triq San Gwann Valletta, kkommetta serq ta’ flus kontanti ghad-dannu ta’ Anthony Mazzacano D’Amato. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Anthony Mazzacano D’Amato, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Fis-16 ta’ Dicembru 2005 mill-hanut bl-isem ‘Pearls Grove’ li huwa sitwat fi Triq ir-Repubblika Valletta, kkommetta serq ta’ kwantita’ ta’ hwejjeg ghad-dannu ta’ Vincent Farrugia. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Vincent Farrugia, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

F’xi hin matul-il lejl ta’ bejn l-1 u t-2 ta’ Ottubru 2005 mill-hanut bl-isem ‘Jagger’ li huwa sitwat fi Triq San Gwann Valletta, kkommetta serq ta’ flus kontanti u kwantita’ ta’ hwejjeg u oggetti ohra ghad-dannu ta’ Joseph Zammit. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Joseph Zammit, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

F'xi hin matul-il lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Mejju 2005 mill-hanut bl-isem 'Foto City' li huwa sitwat fi Triq Nofsinhar Valletta, kkommetta serq ta' flus kontanti, kwantita' ta' cameras tar-ritratti u oggetti ohra ghad-dannu ta' Rosario Mintoff. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Rosario Mintoff, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

F' xi hin matul-il lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Novembru 2004 mill-hanut bl-isem 'Empire Pharmacy' li huwa sitwat fi Triq Melita Valletta, kkommetta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' John Bugeja. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess John Bugeja, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Fl-10 ta’ Jannar 2004 ghall-habta tas-2.00 ta’ wara nofsinhar mill-hanut bl-isem ‘O’Neill’ li huwa sitwat fi Triq il-Merkanti Valletta, kkommetta serq ta’ flus kontanti u kwantita’ ta’ nuccalijiet ghad-dannu ta’ David Anastasi. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess David Anastasi, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Fil-5 ta’ Jannar 2004 ghall-habta tat-8.00 ta’ filghaxija mill-hanut bl-isem ‘Match Music Store’ li huwa sitwat fi Triq Santa’ Lucia Valletta, kkommetta serq ta’ hwejjeg ghad-dannu ta’ Joanna Grech. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u bil-hin.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta’ l-istess Joanna Grech, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) izda ma tiskorrix-il mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).

Fl-istess zminijiet u cirkostanzi, u fil-granet ta’ wara dawn id-dati, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’ Malta jew barra min Malta, jew xjentement, b’ kull mod li jkun, ndahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri ghall-Prosekuzzjoni iddikjara li rigward l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, tali akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuzi ta' serq migjuba kontra l-imputat u ghaldaqstant l-Ufficjal Prosekutur ghall-Prosekuzzjoni talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija l-ahhar akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Innutat ukoll li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ahhar akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ahhar akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-Prosekuzzjoni u id-Difiza iddikjaraw li jaqblu li meta sehhew ir-reati li l-akkuzi dwarhom l-imputat ghadu kif ammetta, l-imputat kien ghadu taht l-eta ta' tmintax (18) il-sena.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 37, 261(b) u (c), 263, 267, 278(2), 280(2) u 325(c) tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Cedric Grima, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-ahhar akkuza li tirrigwarda ricetazzjoni u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, l-fedina penali netta tal-imputat, li fil-konfront tal-imputat japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-

Ligijiet ta’ Malta u li l-Ufficjal Prosekutur iddikjara fil-Verbal tas-Seduta tallum li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija, u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat Cedric Grima ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija, u hames mija u tnejn u tmenin Euro u erba’ u tletin centezmi ta’ Euro (Euro. 582.34) multa ekwivalenti ghall-mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm 250) u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandiex tibda sehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin mill-lum l-imputat Cedric Grima jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Rigward l-ahhar akkuza migjuba kontra l-imputat li tirrigwarda ricettazzjoni, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Carmelo Magri ghall-Prosekuzzjoni fil-Verbal tas-Seduta tallum rigward din l-imsemmija akkuza u kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija l-ahhar akkuza li tirrigwarda ricettazzjoni stante li tali akkuza inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuzi ta’ serq migjuba kontra l-imputat.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Cedric Grima l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------